QALA

Ref Nru: 30

Il-minuti tat-tletin laqgha tal-hames leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar l-Erbgha 30 ta' Settembru 2009, fil-5:00 ta' filghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Victor Grech<br>Anthony Camilleri |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tas-sebgha u ghoxrin u tat-tmienja u ghoxrin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tas-sebgha u ghoxrin u tat-tmienja u ghoxrin laqgha tqassmu qabel, dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 L-ahhar zviluppi dwar il-progett ta' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin.**

3.1 Is-Sindku semma li x-xoghol ta' restawr tal-Fortizza ta' Sant Antnin ghadu ghaddej. Huwa semma li bhalissa qed isir xoghol fuq il-kmamar li kien hemm gewwa din il-Fortizza.

**4 L-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp f'Hondoq ir-Rummien bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02.**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta t-*Traffic Impact Statement* dwar il-propost zvilupp f'Hondoq ir-Rummien bl-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA 3797/02 u PA 3798/02. Il-Kunsill iddecida li jekk jibqa ma jkollox l-informazzjoni kollha dwar it-*Traffic Impact Statement*, il-Kunsill ma jmurx ghal *public hearing*.

4.2 Is-Sindku Paul Buttigieg ressaq mozzjoni b'urgenza:

QALA

4.3 Waqt laqgha tal-Kunsill Lokali Qala illum 30 ta' Settembru 2009 b'vot unanimu s-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsillieri prezenti jiddikjaraw li m'humiex jaqblu ma kif inhu propost il-progett '*Qala Creek*' liema zvilupp huwa intiz li jsir f'*area* madwar il-bajja ta' Hondoq ir-Rummien.

4.4 Din il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsillier Paul Buttigieg u giet approvata unanimament.

4.5 Giet trattata diversi korrispondenza fuq din il-materja li jikkonsistu f'ittri li saru bejn il-Kunsill u Jonathan Henwood fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata t-23, l-24 u l-31 ta' Lulju 2009, ittra mibghuta mill-Kunsill lil Alan Deidun, Lino Bianco u Steve Vella li huma l-konsulenti tal-Kunsill, datata 6 t'Awwissu 2009, zewg ittri mibghuta mill-Kunsill lil Dr Christopher Ciantar Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali datata 14 ta' Lulju 2009 u t-30 ta' Settembru 2009, ittra li l-Kunsill ircieva minghand Lucien Stafrace *Manager Transport Planning Unit* fl-Awtorita` datata 5 t'Awwissu 2009, ittra li l-Kunsill ircieva minghand Robert M Galea mit-*Transport Planning Unit* fl-Awtorita` datata 4 ta' Settembru 2009, ittra mibghuta mill-Kunsill lis-Sur Henwood datata 9 ta' Settembru 2009, ittra li l-Kunsill ircieva minghand is-Sur Henwood datata 22 ta' Settembru 2009, ittra mibghuta mill-Kunsill lic-*Chairman* ta' l-Awtorita` datata 29 ta' Settembru 2009 u ittra li l-Kunsill ircieva minghand ic-*Chairman* datata 29 ta' Settembru 2009.

## 5 Il-*picnic area* - progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala.

5.1 Is-Sindku semma x-xoghol fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala, li ser tigi trasformatha fi gnien sportiv u rikreazzjoni, qed issir.

## 6 Gemellagg bejn il-Kunsilli Lokali Qala u l-Kunsill Lokali Marsaskala.

6.1 Is-Sindku semma li l-laqgha li kellha jsir nhar l-Erbgha 23 ta' Settembru 2009 mal-Kunsill Lokali Marsaskala giet posposta ghal darba ohra minhabba l-maltemp. Is-Sindku bghat ittra lis-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala datata 28 t'Awwissu 2009.

## 7 Applikazzjoni ghar-restawr ta' l-ghassa tal-pulizija l-qadima.

7.1 Giet trattata l-ittra li l-Kunsill ircieva minghand Alison Grima ghal-Fred Bezzina *Executive Director* mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita` dwar l-accessabilita ta' l-ghassa tal-pulizija l-qadima li ser isir bdil ta' uzu tal-bini ghal muzew folkloristiku. Giet trattata kopja ta' ittra li l-Perit tal-Kunsill Edward Scerri bghat lil Alison Grima dwar dan.

**8 Xoghol ta’ *resurfacing* bit-tarmak (*hot rolled asphalt*) ta’ Triq it-30 t’ Ottubru 1948.**

8.1 Is-Sindku semma li x-xoghol ta’ *resurfacing* bit-tarmak (*hot rolled asphalt*) ta’ Triq it-30 t’Ottubru 1948 lest. Issa qed baqa t-tieni kisja tarmak li ser tinghata f’Ottubru li gej.

**9 *European Agriculture Funds for Rural Development* – applikazzjonijiet 313 u 323.**

9.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill ghadu kif bghat xi dokumenti li kienu nieqsin mill-applikazzjonijiet 313 u 323 *European Agriculture Funds for Rural Development.* Dawn l-applikazzjonijiet qed jigu pprocessati u l-Kunsill qed jistenna risposta.

**10 Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.**

10.1 Giet trattata ittra mibghuta mis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Onorevoli Dr Chris Said dwar il-Kampanja ta’ Tindif. Il-Kunsill bghat ittra lil Deborah Pace fid-Dipartiment ghal Gvern Lokali fejn giet informatha li l-Kunsill ser jippartecipa fl-Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf. Il-Kunsill iddecida li l-attivitajiet li ghandhom jigu organizzati nkonessjoni ma din l-inizjattiva huma:

10.2
- Thawwil ta’ sigar.
- Jitqassam *leaflet* bi informazzjoni relatat ma l-indafa, f'kull dar fil-lokalita` tal-Qala.
- Tigi ntrodotta *bring in site* ohra fil-lokalita` tal-Qala.
- Issir kampanja ta’ tindif fil-bajja ta’ Hondoq ir-Rummien.
- Jitqassmu l-basktijiet tad-drapp f’kull dar fil-lokalita` tal-Qala.
- Jitqassmu l-boroz tal-*waste separation* f’kull dar fil-lokalita` tal-Qala sabiex ir-residenti jigu mhajjra jixtru dawn il-boroz u jisseparaw.

10.3 Il-Vici Sindku Dr Raymond Xerri ppropona li attivita ohra li tista jsir hija li jsir *talk* fuq it-*tanks* tal-*compost* u jitqassam *tank* lil kull familja fil-lokalita` tal-Qala. Il-Kunsill qabel ma dan.

**11 Skema Dwar Inizjattivi ta’ Attivitajiet 2010.**

11.1 Giet trattata *memo* 42/2009 dwar Skema dwar Inizjattivi ta’ Attivitajiet 2010 mibghuta mid-Direttur Natalino Attard mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Il-Kunsill bghat ittra lid-Direttur fejn anness maghha ntbghatet l-applikazzjoni ghal din l-inizjattiva fejn il-Kunsill applika ghall-*Qala International Folk Festival* 2010.

**12 Skema Dwar il-*Green Challenge Award*.**

12.1 Giet trattata *memo* 28/2009 mibghuta mid-Direttur Natalino Attard mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, dwar skemi dwar *Enterprise Support Award* u *Green Challenge Award*. Giet trattata wkoll ittra mibghuta minn Alexia Maria Sultana mis-Segretarjat Parlamentari ghall-

Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni dwar dawn l-iskemi. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lid-Direttur fejn anness maghha ntbghatet l-applikazzjoni ghall-iskema tal-*Green Challenge Award*.

**13 Depozitu ta' €250.00 mill-kuntratturi ghal permess tal-ftuh tal-wicc tat-triq.**

13.1 Is-Sindku semma li qed isir ftehim bejn il-Kunsill u l-kuntratturi meta dawn ta' l-ahhar jigu biex jaghmlu permess tal-ftuh tal-wicc tat-triq. Dawn il-kuntratturi qed jaghmlu depozitu ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00) lill-Kunsill. Meta jkun lest ix-xoghol u l-Kunsill ikun sodisfatt biex xoghol li jkun sar, dan id-depozitu jinghata lura. Gie trattat kopja ta' dan il-ftehim.

**14 Wara l-festa ta' San Guzepp Awwissu 2009.**

14.1 Is-Sindku semma li t-tindif ta' tat-toroq wara l-festa ta' San Guzepp li saret f'Awwissu 2009, kien ikkordinat ahjar din is-sena.

**15 Terminazzjoni tal-kuntratt tat-tindif u attendenza ta' Latrini Pubblici.**

15.1 Is-Sindku ppropona li m'ghandux jerga jigi mgedded il-kuntratt tat-tindif u attendenza ta' Latrini Pubblici li l-Kunsill ghandu mat-Taqsima ta' l-Indafa Pubblika f'Ghawdex fi hdan id-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp u li l-latrini ghandhom jinfethu u jitnaddfu minn Anthony Cutajar il-kuntrattur tat-tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix, fejn jizdiedu s-sieghat tax-xoghol ghal dan l-ghan. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**16 *Qala International Folk Festival 2009.***

16.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-programm tal-*Qala International Folk Festival 2009*. Kopja ta' dan il-programm gie anness ma dawn il-minuti. Il-Kunsill qabel ma dan il-programm. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Audrey-Anne Callus Randich Direttur *Programme Implementation* fil-Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investament dwar skema biex tincentiva l-Organizzazzjoni ta' Konferenzi f'Malta.

**17 Materji ohra.**

17.1 Is-Sindku semma li saret laqgha bejn is-Sindki u s-Segretarji Ezekuttivi tal-Kunsilli Lokali Qala, Nadur u Ghajnsielem, dwar il-hrug ghal sejha ta' l-offerta ghal gbir ta' l-iskart domestiku mhallat fejn giet diskussa l-possibilita` li tinhareg sejha wahda bejn it-tlett Kunsilli Lokali.

17.2 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill b'referenza QLC/ADT/6/2009 lil Charles Saliba Manager fl-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta - sezzjoni Ghawdex dwar tlett proposti tal-Kunsill.

17.3 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill b'referenza QLC/MEPA/15/2009 lill-*Enforcement Unit* fl-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex jinbena *boundary wall* ma *plot* fi Triq il-Mithna.

17.4 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill b'referenza QLC/MEPA/14/2009 lic-*Chairman* ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, dwar l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA 04724/07 u PA 07697/06.

17.5 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Chris Attard fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, dwar revizjoni tal-Pjan Lokali ghal Ghawdex u Kemmuna. Il-Kunsill ircieva ittra minghand is-Sur Attard bhala risposta ghall-ittra tal-Kunsill.

17.6 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Silvio Frendo fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, datata 17 t'Awwissu 2009, dwar karozzi mitluqa fil-Qala. Giet trattata wkoll kopja tal-korrispondenza datati l-21 t'Awwissu 2009 li saret bejn Manuel Tabone fis-Segretarjat Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni u l-Perit Alexander Borg *Enforcement Unit Manager* fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar din il-materja.

17.7 Is-Sindku semma li l-*Go plc* iridu jwahhlu kaxxa ohra fuq il-bankina fejn il-*bus shelter* ta' quddiem l-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill, fi Triq Imgarr, Qala. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghal dan.

17.8 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill, mit-3 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Settembru 2009, minn referenza numru 107/09 sa referenza numru 165/09.

## 18 Korrispondenza.

18.1 Gew trattati ittri, *memos*, rapporti, notifiki t'avviz, applikazzjonijiet u rapporti tad-decizjonijiet li gejjien:

18.2 Zewg *memo's* mibghuta mid-Direttur Natalino Attard mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. *Memo* 46/2009 dwar Ftuh ta' l-Ufficcini Amministrattivi tal-Kunsill nhar ta' Sibt. Il-Kunsill iddiskuta li mhux finanzjament f'posizzjoni li jqabbad skrivan iehor sabiex jiftah l-ufficcju tal-Kunsill nhar ta' Sibt biss kif ukoll jekk jigi mqabbad xi hadd iehor, dan ma jkunx jaf ix-xoghol tal-Kunsill. Ghalhekk il-Kunsill iddecida li ghandha tidhol l-iskrivana tal-Kunsill nhar ta' Sibt u tinghata nofs ta' nhar il-Gimgha *off*. *Memo* 48/2009 dwar Fondi Specjali. Il-Kunsill bghat ittra lid-Direttur bhala applikazzjoni ghal fondi specjali.

18.3 Ittra mibghuta minn James Catania Assistant Direttur fil-*Fields Services Unit* fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, datata 7 ta' Lulju 2009, dwar il-haddiema ta' IPSL. Il-Kunsill bghat ittra lis-Sur Catania bhala risposta ghall-ittra tieghu.

18.4 Sitt *memo's* mibghuta minn Silvio Frendo ghad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. *Memo* 8/2009 dwar kuntratti moghtija fl-2008, *memo* 34/2009 dwar Mistoqsija

Parlamentari numru 8904, *memo* 39/2009 dwar Mistoqsija Parlamentari numru 9381, *memo* 40/2009 dwar manutenzjoni ta' toroq, *memo* 43/2009 dwar Mistoqsija Parlamentari numru 10069 u *memo* 44/2009 dwar Mistoqsija Parlamentari numru 10070. Il-Kunsill bghat ir-risposti lid-Dipartiment ghal *memo's* kollha fuq imsemmija.

18.5 Ittra mibghuta minn Sylvana DeBono Segretarja tal-Bord fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u Philip Micallef *Chairman* fl-Awtorita` ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni bhala risposta ghall-ittra tal-Kunsill dwar l-installazzjoni ta' zewg antenni tal-*mobiles* li twahhlu fil-lokalita` tal-Qala. Giet trattata wkoll ittra li giet mibghuta minn Adrian Galea fl-Awtorita` ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni dwar *EMF measurements – mobile phone base stations* fil-Qala. Il-Kunsill iddiskuta li ghandu jigi nformat dwar meta ser tkun ser titwahhal *antenna* ta' dan it-tip fil-lokalita` tal-Qala u ghalhekk gie deciz li ghandha tinbghat ittra ohra lill-Awtorita` dwar dawn l-*antennas*.

18.6 Kopja ta' ittra li l-Inginier Renzo Curmi minn Galea Curmi Engineering Consultants bghat lil Marisa Darmanin fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, dwar informazzjoni li hija talbiet dwar il-progett tas-sistema PV fi 'Gnien il-Familja', l-Qala.

18.7 Ittra mibghuta mis-Segretarju Joseph Muscat tal-Kumitat ghall-Ismijiet tat-Toroq ghal Ghawdex dwar Triq gdida fi Triq Wied Simar. Il-Kunsill iddecida li din ghandha tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

18.8 Ittra mibghuta minn Marcon Grima *Nursing Officer* fil-*National Immunisation Service* dwar it-tilqim kontra l-influenza. Il-Kunsill qabel li ghandu jaccetta l-ismijiet ta' dawk il-persuni mill-lokalita` tal-Qala li jixtiequ jitlaqqmu kontra l-influenza.

18.9 Ittra mibghuta mill-Perit David Vassallo *Manager NID/TMU* fl-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta datata 17 t'Awwissu 2009, dwar l-gheluq mit-traffiku ta' Pjazza San Guzepp matul is-xhur tas-Sajf f'certu hinijiet.

18.10 Ittra mibghuta minn Joseph Azzopardi ghad-Direttur Sahha tal-Pjanti, dwar registrazzjoni tas-Sigar tal-Palm – Avviz Legali 42/2009. Il-Kunsill bghat ittra lis-Sur Azzopardi bhala risposta ghall-ittra tieghu.

18.11 Ittra mibghuta minn Dott. Daniele Fantechi mill-GAG, dwar laqgha tal-konsultazzjoni dwar il-programm LEADER. Fil-lokalita` tal-Qala din ser issir nhar it-Tlieta 13 t'Ottubru 2009 fis-7:00 ta' filghaxija.

18.12 Kopja ta' ittra li Alan Jones li joqghod Flat 2, 'New Haven', Triq il-Firilla, Ghajnsielem, bghat lill-Edituri tal-gazzetti *The Times* u *The Sunday Times*, dwar il-barrieri tal-blat tal-qawwi f'Ghar id-Dar limiti l-Qala.

18.13 Ittra mibghuta minn Miriam Christine Warner *Junior Eurovision Song Contest*, *Malta Team*, fejn f'isem Francesca u Mikaela zewgt t'bniet minn Ghawdex li ser jirrapprezentaw lil Malta u Ghawdex fil-*Junior Eurovision Song Contest* ta' din is-sena. Giet mitluba l-ghajnuna finanzjarja tal-Kunsill. Il-Kunsill iddecida li jaghti hamsin Ewro (€50.00) lil kull tifla.

18.14 Diversi ittri li saru bejn is-Sindku Paul Buttigieg u Hadrian Cassar Torreggiani li joqghod fi Triq Wied Simar, dwar karru tal-Karnival li gie mormi f'din l-istess triq.

18.15 Ittra mibghuta minn Andrew Farrugia u Tristan Tilney zewg studenti li bhalissa ser jibdew ix-xoghol fuq it-tezi taghhom fi hdan il-fakulta` tax-xjenza fil-Universita ta' Malta, fejn talbu jistghux jpoggu vassetti vojta fuq il-bejt ta' l-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil dawn iz-zewg studenti fejn gew informati li l-Kunsill ma jsib ebda oggezzjoni ghal dan.

18.16 Tnax ir-rapport mibghuta minn Charles Bonnici *Senior Principal Environmental Health Officer* ghad-Direttur *Environmental Health* mill-*Environment Health Risk Management Zone A* fid-Dipartiment ta' l-*Environmental Health*, dwar testijiet ta' l-ilma tal-bahar li saru mit-22 sat-28 ta' Gunju 2009, mid-29 ta' Gunju 2009 sal-5 ta' Lulju 2009, mis-6 sat-12 ta' Lulju 2009, mit-13 sad-19 ta' Lulju 2009, mill-20 sas-26 ta' Lulju 2009, mis-27 ta' Lulju 2009 sat-2 t'Awwissu 2009, mit-3 sad-9 t'Awwissu 2009, mill-10 sas-16 t'Awwissu 2009, mis-17 sat-23 t'Awwissu 2009, mill-24 sat-30 t'Awwissu 2009, mill-31 t'Awwissu 2009 sas-6 ta' Settembru 2009, mill-14 sal-20 ta' Settembru 2009.

18.17 Ittra mibghuta minn Mark Cini *Senior Planning Officer* ghad-Direttur ta' l-Ippjanar fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bhala risposta ghall-ittra tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 01786/09.

18.18 Tlett ittri mibghuta mill-Inginier Ray Piscopo *Director Corporate Services* fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, dwar *statements of funds* sa l-ahhar ta' Mejju 2009, sa l-ahhar ta' Gunju 2009 u sa l-ahhar ta' Lulju 2009.

18.19 Tlett notifiki t'avviz mibghuta minn Jonathan Attard ghad-Direttur ta' l-Ippjanar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenzi ECF 00786/09, ECF 00871/09 u ECF 00872/09, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avvizi ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

18.20 Zewg ittri mibghuta minn Myriam Saia ghall-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' Zvilupp fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fejn bghatet kopja ta' avviz ta' decizjoni dwar l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA 02448/08 u PA 07810/06. Giet trattata kopja ta stqarrija stampa mibghuta mill-Onorevoli Segretarju Alex Vella mill-*Ramblers Association of Malta* f'isem disa` NGO's, dwar applikazzjoni PA 07810/06.

18.21 Applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp mibghuta minn Melanie Chetcuti Segretarja fl-Ufficcju tal-Kommunikazzjoni fl-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bin-numri 05900/08, 02006/09, 01404/09, 02984/09, 02988/09, 03386/09, 03591/09, 03840/09 u 03907/09. L-applikazzjoni bin-numru 05900/08 hija *re-issued*. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* ta' l-Awtorita`, dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 02984/09. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet l-ohra fuq imsemmija.

18.22 Rapporti tad-decizjonijiet tal-laqghat tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' Zvilupp mibghuta minn Melanie Chetcuti Segretarja fl-Ufficcju tal-Kommunikazzjoni fl-Awtorita` ta' Malta

QALA

Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li saru nhar is-7, l-14, il-21 u t-28 ta' Lulju 2009, il-25 t' Awwissu 2009, l-1, it-22 u d-29 ta' Settembru 2009.

Il-laqgha ntemmet fit-8:00 ta' fil-ghaxija. Id-disgha u ghoxrin laqgha li kellha jsir nhar l-Erbgha t-23 ta' Settembru 2009 giet posposta ghal nhar il-Hamis 22 t' Ottubru 2009.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva